**FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur: Dr. Marouska Debono LL.D; M.A. in Law**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 3 ta' April, 2025**

**Talba Nru: 321/2024MD**

**Vodafone Malta Limited Illum Epic Communications Limited (C 10865)**

**Vs**

**Angela Xuereb Miguela (0028998G)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż fl-ismijiet premessi ppreżentat fis-26 ta' Novembru, 2024[1] permezz ta' liema s-soċjeta' attriċi talbet li l-konvenuta tħallas is-somma ta' elf, erba' mija, tnejn u sebgħin Ewro u tmintax-il ċenteżimu (€1,472.18) rappreżentanti servizzi reżi ta' telefonija ċellulari bil-kontijiet numru 1.11108471 u 1.11046398 fuq talba u a benefiċċju tal-konvenuta; bl-ispejjeż inkluż tal-ittra uffiċjali 166A u l-imgħax legali mid-data tal-fattura sad-data tal-pagament effettiv.

Ra l-atti kollha tal-kawża.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenuta ġiet debitament notifikata bl-Avviż, ma kkontestatx il-kawża fit-terminu preskritt mil-Liġi, u lanqas ma dehret għas-seduti tat-18 ta' Marzu, 2025,[2] u tat-28 ta' Marzu, 2025[3].

[1] A fol 1 et seq tal-proċess
[2] A fol 14 tal-proċess
[3] A fol 16 tal-proċess

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mir-rappreżentant legali tas-soċjeta' attriċi fis-seduta tat-18 ta' Marzu, 2025[4] u fil-fatt il-konvenuta ma dehritx sabiex tirrispondi għalih għas-seduta tat-28 ta' Marzu, 2025.[5]

Sema x-xhieda tal-PL Petra Licari li ddikjarat li s-*sorte* tħallas mill-konvenuta dik il-ġimgħa iżda l-ispejjeż tal-kawża ma tħallsux[6].

Ra li fis-seduta tat-28 ta' Marzu, 2025[7] it-Tribunal awtorizza lil konvenuta żmien sabiex tippreżenta s-sottomissjonijiet tagħha bil-miktub u l-konvenuta naqset li tagħmel dan.

Ra li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ħa konjizzjoni taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

Ikkunsidra li ġie dikjarat li s-somma reklamata mertu tal-kawża odjerna ġie mħallas.

Ikkunsidra li d-difensur tas-soċjeta' attriċi talbet sabiex it-Tribunal jiddeċiedi dwar l-ispejjeż tal-kawża odjerna.

Ikkunsidra li s-*sorte* ġie mħallas wara li ġie intavolata l-kawża odjerna.

Għaldaqstant, it-Tribunal qiegħed jaqta' u jiddeċiedi dan il-każ billi jastjeni milli jieħu konjizzjoni tat-talbiet attriċi *stante* ħlas.

L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu unikament mill-konvenuta.

**Avukat Dr. Marouska Debono LL.D. M.A. in Law**

**Ġudikatur**

[4] A fol 15 tal-proċess
[5] A fol 16 tal-proċess
[6] *Ibid*
[7] *Ibid*